

32006D0352

L 130/39

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

18.5.2006

DEĊIŻJONI Nru 206**tal-15 ta' Diċembru 2005****dwar il-metodi ta' ħidma u l-kompożizzjoni tal-Bord ta' Verifika tal-Kummissjoni Amministrattiva tas-Sigurtà Soċjali għall-Ħaddiema Migranti**

(2006/352/KE)

IL-KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA TAS-SIGURTÀ SOĊJALI GĦALL-ĦADDIEMA MIGRANTI,

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 101(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72 tal-21 ta' Marzu 1972 li jstabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71, li taħtu taqa' l-Kummissjoni Amministrattiva biex tiddetermina l-metodi ta' ħidma u l-kompożizzjoni tal-Bord ta' Verifika,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjonijiet Nru 86 ta' l-24 ta' Settembru 1973 u Nru 159 tat-3 ta' Ottubru 1995 dwar il-metodi ta' ħidma u l-kompożizzjoni tal-Bord ta' Verifika,

Billi t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 jiġġustifika revizzjoni tad-deċiżjonijiet preċedenti dwar il-metodi ta' ħidma u l-kompożizzjoni tal-Bord ta' Verifika.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

1. Id-Deċiżjonijiet Nru 86 u Nru 159 huma mħassra u t-test li jirrigwarda l-metodi ta' ħidma u l-kompożizzjoni tal-Bord ta' Verifika tal-Kummissjoni Amministrattiva tas-Sigurtà Soċjali għall-Ħaddiema Migranti li jidhru f'dawn id-deċiżjonijiet huwa ssostitwit bit-test anness ma' din id-deċiżjoni.
2. Din id-deċiżjoni għandha tapplika mill-ewwel jum tax-xahar wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

President tal-Kummissjoni Amministrattiva

Anna HUDZIECZEK

ANNEX

Metodi ta' ħidma u l-kompożizzjoni tal-Bord ta' Verifika tal-Kummissjoni Amministrattiva tas-Sigurtà Soċjali għall-Ħaddiema Migranti

1. Il-Bord ta' Verifika stipulat fl-Artikolu 101(3) tar-Regolament (KEE) Nru 574/72 għandu, hu u jaqdi l-funzjonijiet tiegħu kif stabbilit fl-Artikolu 102(1) u l-Artikolu 113(3) tar-Regolament 574/72, jopera taħt l-awtorità tal-Kummissjoni Amministrattiva tas-Sigurtà Soċjali għall-Ħaddiema Migranti, li minnha għandha tirċievi d-direttivi.

Fi ħdan dan il-qafas il-Bord ta' Verifika għandu jippreżenta programm fit-tul ta' xogħol lill-Kummissjoni Amministrattiva għall-approvazzjoni. Darba f'sena, il-Bord ta' Verifika għandu jippreżenta lill-Kummissjoni Amministrattiva rapport ta' progress dwar il-programm ta' xogħol.

2. Il-Bord ta' Verifika għandu, bħala prinċipju, jasal għad-deċiżjonijiet tiegħu mill-evidenza dokumentata. Jista' jitlob mill-awtoritajiet kompetenti kwalunkwe tagħrif jew talba meqjusa meħtieġa fl-investigazzjoni ta' l-affarijiet ippreżentati lill-għal eżami. Fejn meħtieġ, fuq approvazzjoni minn qabel tal-president tal-Kummissjoni Amministrattiva, il-Bord ta' Verifika jista' jiddelega membru tas-Segretarjat jew ċerti membri tal-Bord ta' Verifika biex iwettqu, fuq il-post, kull investigazzjoni meħtieġa għall-qadi ta' ħidmietu. Il-president tal-Kummissjoni Amministrattiva għandu jinnotifika r-rappreżentant fuq il-Kummissjoni Amministrattiva ta' l-Istat Membru kkonċernat li din l-investigazzjoni qed isseħħ.

Il-Bord ta' Verifika għandu jkun mgħejjun minn espert indipendenti b'taħriġ professjonali u esperjenza f'affarijiet li jikkonċernaw il-funzjonijiet tal-Bord ta' Verifika, b'mod partikolari fir-rigward ta' ħidmietu skond l-Artikoli 94, 95 u 101 tar-Regolament 574/72.

3. Il-Bord ta' Verifika għandu jkun magħmul minn żewġ rappreżentanti minn kull wieħed mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea maħtur mill-awtoritajiet kompetenti ta' dawn l-Istati.

Kull membru tal-Bord ta' Verifika li ma jkunx jista' jattendi jista' jiġi ssostitwit minn deputat maħtur għal dan il-għan mill-awtoritajiet kompetenti.

4. Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'maġġoranza, kull Stat Membru b'vot wieħed biss.

L-opinjoni tal-Bord ta' Verifika għandhom jindikaw jekk intlaħqux b'mod unanimu jew b'maġġoranza. Għandhom, fejn xieraq, jippreżentaw il-konklużjonijiet jew ir-riżervi tal-minoranza.

Kull darba li opinjoni ma tintlaħaqx b'mod unanimu, il-Bord ta' Verifika għandu jissottomettiha lill-Kummissjoni Amministrattiva flimkien ma' rapport li jkun fih b'mod partikolari sqarrija dwar il-fehmiet ta' kontra u r-raġunijiet tagħhom.

Għandu wkoll jaħtar relatur responsabbli milli jipprovi lill-Kummissjoni Amministrattiva bit-tagħrif kollu li din tqis xieraq sabiex tkun tista' ssib soluzzjoni għat-tilwima kkonċernata.

Ir-relatur m'għandux jintgħażel mir-rappreżentanti tal-pajjiżi involuti fit-tilwima.

5. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea jew l-altern tiegħu fuq il-Kummissjoni Amministrattiva għandu jaġixxi f'kapaċità konsultattiva fi ħdan il-Bord ta' Verifika.
6. Il-kariga ta' president tal-Bord ta' Verifika għandha tkun fidejn membru mill-Istat Membru li r-rappreżentant tiegħu fuq il-Kummissjoni Amministrattiva jkollu l-kariga ta' president ta' din il-Kummissjoni.

Il-president tal-Bord ta' Verifika jista', flimkien mas-Segretarjat, jieħu l-passi kollha meħtieġa biex isolvi mingħajr dewmien il-problemi kollha fi ħdan il-kompetenza tal-Bord ta' Verifika.

Bħala regola, il-president tal-Bord ta' Verifika għandu jippresiedi l-laqqgħat tal-partijiet ta' ħidma stabbiliti biex jeżaminaw problemi li huma fil-kompetenza tal-Bord ta' Verifika; jekk, iżda, ma jkunx f'qagħda li jagħmel dan jew jekk qed jiġu eżaminati ċerti problemi speċifiċi, il-president jista' jkun irrappreżentat minn persuna oħra maħtura minnu.

7. Is-Segretarjat tal-Kummissjoni Amministrattiva għandu jħejji u jorganizza l-laqqgħat tal-Bord ta' Verifika u jniżżel il-minuti tagħhom. Għandu jwettaq ix-xogħol meħtieġ għat-tħaddim tal-Bord ta' Verifika. L-aġenda, id-data u t-tul tal-laqqgħat tal-Bord ta' Verifika għandhom jiġu miftiehma mal-president.
 8. L-aġenda għandha tintbagħat mis-Segretarjat tal-Kummissjoni Amministrattiva lill-membri tal-Bord ta' Verifika u lill-membri tal-Kummissjoni Amministrattiva mhux anqas minn 20 jum qabel il-bidu ta' kull laqgħa.
Is-Segretarjat tal-Kummissjoni Amministrattiva għandu sa l-istess skadenza jissupplixxi d-dokumenti marbuta mal-laqqgħa.
 9. Sa fejn huwa meħtieġ, ir-regoli tal-Kummissjoni Amministrattiva għandhom japplikaw għall-Bord ta' Verifika.
-